


# Programm tal-festa Sant' Elena tas-sena 1952



Dan l-aħħar kelli l-okkażjoni li nżid mal-kollezzjoni tiegħi tal-programmi tal-festi numru ta' programmi minn tal-bidu li kienu bdew jiġu ippublikati għal okkażjoni tal-festa ta' Sant' Elena f'Birkirkara.

Wieħed minn dawn huwa tas-sena 1952. Għalkemm dan huwa ntitolat bħala programm tal-festi ta' Sant' Elena Imperatriċi Awgusta, fl-ebda paġna tiegħu ma hemm dettalji tal-programm tal-festi kemm ta ġewwa kif ukoll ta' barra. Għal kurżità wkoll irridu ngħidu li dan kien jinbiegħ għal prezz ta' zewġ soldi kif jidher il-prezz li hemm fuqu. Mifruxa fuq tlett paġni tal-fuljett hemm siltiet mill kitba ta' tifħir lil Sant' Elena ta' Ġuze Dimech Debono, ibbażata fuq il-versi tal-innu miktub. F'dil-kitba hemm dawn is-siltiet minn dan l-innu:

**Liena Mqaddsa Mpertatriċi**
**Bl-aqwa mħabba ferħ u ġieħ**
**Ngħarrfuk b'tagħna protettriċi**
**U ntuk qima bla mistrieħ**
**Ġejt magħżula biex issib**
**l-għuda Mqaddsa tas-Salib**
**Żgur id-dinja nisranija**
**Nies kbar daqsekk qatt ma rat**
**u għalekk iva b'ferħ kburija**
**tifħir dejjem lilek tajt.**
**Ismek ġie miktub fl-istorja**
**biex li minsi ikun f'xi żmien**
**iżda biex bi kbir glorja**
**jiġi mxandar kullimkien.**

F'żewġ paġni oħra tal-fuljett ġew ippublikati il-programmi taż-żewġ baned mistiedna għal festa. Il-banda *La Valette* tal-Belt għamlet programm mużikali ħdejn il-knisja nhar il-festa 18 t'Awwissu wara il-marċ mat-toroq ewlenin ta' Birkirkara. Il-banda dan is-servizz kienet għamlitu taħt id-direzzjoni tas-surmast Ġ. Camilleri.

Fl-istess jum tal-festa il-banda *San Ġiljan* ta' San Ġiljan wara il-marċ mat-toroq ta' B'kara għamlet programm mużikali tagħha fil-pjazza San Franġisk. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Angelo Pullicino. Dan is-surmast kien magħruf bħala is-surmast tal-marċi sbieħ u huwa iben il-banda Sant' Elena ta' B'kara fejn kien tgħallem il-mużika u d-dixxiplina fid-direzzjoni li kien tant magħruf għaliha.




F'paġna tal-fuljett kien hemm ukoll il-kitba "Lil Santa Liena" ta' John Sciberras miktuba f' Birkirkara nhar it-13 ta' Lulju 1952.

Dan it-tip ta' programm kien baqa jiġi ppublikat b'dal-format għal diversi snin. Lejn l-aħħar tas-snin ħamsin din il-pubblikazzjoni bdiet tiżdied fil-paġni u fiha bdejn jiżdiedu wkoll id-dettalji tal-programm tal-festa kemm dawk li jsiru fil-bażilika elenjana kif ukoll dawk li kienu jsiru fit-toroq ewlenin ta' Birkirkara.

Dawn il-programmi jirrakkuntaw fid-dettal dak li dejjem għamlu il-karkariżi biex jagħtu ġieħ bl-aħjar mod lil patruna tagħhom Sant' Elena wara kollox kif għadhom jagħmlu sal-llum.

**Il-Festa t-tajba lill kulħadd.**

*Mario Fenech*